# 272. Qabel Jinżel is-Siparju

Fis-sajf fl-għaxija,
mal-art mixħuta,
fuq il-bankina,
fl-aħħar minuta,

jgħidu r-rużarju,
qabel ma ġewwa
jidħlu, u fis-sodda
jintefgħu sewwa.

Il-missier jgħidu,
bil-mod il-mod,
tisimgħu jokrob
minn mil ’il b’għod.

It-tfal jongħosu
nofshom reqdin,
“Qum, għid Ġużeppi,
qum, għid, Martin,”

Il-mara tgħajjat;
in-nannu mar,
u qiegħed jonħor
daqs l-aqwa ħmar.

In-nanna togħnos
u tqum b’indiema,
flok il-Qaddisa
taqbad is-Sliema.

Il-missier twajjeb
fin-nofs tagħtih
titwiba kbira,
kbira bis-sħiħ;

Waqt it-titwiba
jitlob bil-ħrara,
tal-ferrovija
qisu s-suffara.

Il-kbar jitbissmu
u jistennew
titwiba oħra,
fejn taf xi ħlew!

Salve Reġina
il-missier jgħid,
il-mara tidħol
kollha tregħid

’Il ġewwa tiġri
għax titfi nsiet
il-kuċiniera
ta’ tliet ftiliet.

Kif terġa’ toħroġ
lil żewġha tfakkar,
għax dan filgħodu
iħobb ibakkar,

Biex qabel huwa
jidħol għax-xogħol,
il-ħut jixtrilha
minn fuq il-moll.

Salve Regina
ilkoll bil-qalb
ġa qalu siekta,
u jkomplu t-talb;

u bil-mod tasal
il-litanija,
il-Latin joħroġ
b’elf ereżija.

Ora pro nobis,
ilkoll bil-ħniena,
iżda l-bint tara
ġejja wirdiena.

twerżaq twerżieqa,
kulħadd iqum,
bis-sieq, bis-siġġu
bumbumbumbum.

Mal-Agnus Dei
bil-ġirja ġewwa
il-bieb jissabbat
tisbita sewwa.

Il-farsa ntemmet;
inżel siparju;
dawn mingħalihom
qalu r-rużarju.